TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 198/13/F

**Reuben Farrugia**

**vs**

**Jimcam Enterprises Ltd.**

Illum 18 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 ta' Settembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti żebgħa tal-karozza, illi ġie nfurmat mid-ditta ntimata b'żebgħa differenti u bil-konsegwenza li kellu jerġa' jisprejja l-karozza.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara żebgħa mingħand terza persuna u sprejja l-karozza minn ġewwa. Aktar tard ħa l-karozza għand sprejer professjonali biex jisprejjha minn barra. Meta mar għand l-ewwel sprejer u talbu n-numru taż-żebgħa, liema numru qallu li kien 871, u illi meta uża ż-żebgħa, l-kulur ma kienx l-istess.

Ir-rikorrenti jammetti li kien xtara ż-żebgħa mingħand xi ħaddieħor.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda u ra r-ritratti, jinnota li ż-żebgħa ta' ġewwa u ta' barra tant hu differenti li żgur ma kinux ta' l-istess numru, u li għalhekk l-intimat kellu t-tort. Pero' t-Tribunal, jinnota wkoll illi meta din kienet qed tiġi sprejjata, l-isprejer tar-rikorrenti jmissu nduna illi kien hemm differenza fl-isprej għax tant kien hemm differenza fl-isprej illi żgur ma setax ma jindunax.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte* u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888